MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 611/2007

**Marie Louise Buttigieg**
**(ID 39755 G)**

**vs**

**British Jet Ltd (C 25698)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Lulju, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lil attrici s-somma ta` disa` mija u hames liri u hamsin centezmu (Lm905.50c), illum ekwivalenti ghal €2,109.25c (Euros), rapprezentanti pagi u beneficcji ohra dovuta lill-attrici kif spjegat f'dokument anness u mmarkat bhala Dok. A.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 20 ta` Awissu, 2007, fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li gie affermat li (a) ebda notice money ma kien dovut peress illi kienet l-istess attrici li rrizenjat mill-impjieg

u ma hadmitx il-perjodu tan-notice (b) l-attrici thallset tal-leave kollu meta tikkalkolah man-notice period li ma hadmitx u (c) ebda commission ma hi dovuta u (d) is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tbghati xi spejjez.

B'riserva ghal risposti ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

L-attrici kkonfermat bil-gurament taghha l-ammont li hija qieghedha tippretendi li ghandha tithallas mis-socjeta` konvenuta kif mitluba minnha f'din il-kawza. Ikkonfermat ukoll il-figuri li jidhru fuq id-dokument anness u mmarkat Dok. A, a fol. 2 tal-process.

Illi da parti taghha s-socjeta` konvenuta naqset li tressaq provi in sostenn ghal kontestazzjoni taghha fis-seduta ta` nhar it-18 ta` Frar, 2008 u kwindi fuq talba tal-konsulent legali biex il-kawza tithalla ghas-sentenza, dan it-Tribunal iddifferixxa dan il-kaz ghas-sentenza in difett ta` ostakolu ghal nhar id-29 ta` Frar, 2008.

U peress illi sad-data ffissata sabiex tinghata s-sentenza, dan it-Tribunal baqa` ma rcieva ebda talba minghand is-socjeta` konvenuta ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex tressaq il-provi taghha, l-istess Tribunal pproceda bil-pronunzja tas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq nuqqas ta` provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici, jsib li l-istess talba attrici hija ggustifikata u soddisfacentement ippruvata, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici, s-somma minnha mitluba fl-ammont ta` €2,109.25c (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------